

Stqarrija tal-FRA għall-Istampa
Vjenna, il-5 ta' Ġunju 2024

EMBARGO: il-5 ta' Ġunju 2024 06:00 CET

Iż-żieda fl-għoli tal-ħajja u r-razziżmu jheddu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa: Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2024 tal-FRA

Id-drittijiet fundamentali tal-persuni jinsabu f'riskju fl-Ewropa kollha. Dan huwa minħabba l-livelli dejjem jżiedu ta' faqar, it-theddid persistenti kontra d-demokrazija, ir-razziżmu mifrux u l-isfidi li jseħħu fil-kuntest tal-migrazzjoni, skont ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2024 tal-FRA. Dan it-theddid jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni b'saħħitha u sostenibbli tad-drittijiet fundamentali fl-UE kollha, b'mod partikolari għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Ir-rapport jissuġġerixxi kif dawk li jfasslu l-politika u s-soċjetà ċivili jistgħu jaħdmu flimkien biex jiġġieldu t-theddida tal-esklużjoni soċjali u jippermettu soċjetà aktar ugwali u aktar ġusta għal kulħadd.

Ir-[Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2024](#) tal-FRA jiffoka fuq l-iżviluppi ewlenin u n-nuqqasijiet tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE fl-2023. Dawn jinkludu:

- **Aktar faqar:** iż-żieda fl-ispejjeż tal-enerġija u tal-għajxien poġġiet lil persuna waħda minn kull ħamsa fl-UE kollha fil-faqar. Minkejja l-miżuri nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar, it-tfal u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, bħal dawk b'ġenitur wieħed, ir-Rom u l-familji migranti, jinsabu l-aktar f'riskju.
- **Regoli ġodda fir-rigward tal-migrazzjoni joffru protezzjoni aktar b'saħħitha tad-drittijiet fil-fruntieri tal-UE iżda jżidu wkoll riskji ġodda:** fl-2024, l-UE qablet dwar regoli ġodda fir-rigward tal-migrazzjoni u l-ażil għal proċessar aktar effettiv tal-applikazzjoni għall-ażil fil-fruntieri tal-UE. Regoli ġodda dwar il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tat-tfal u d-mir ċar li jiġu investigati r-rapporti sostanzjati kollha ta' ksur tad-drittijiet joffru opportunitajiet biex tittejjeb il-konformità mad-drittijiet fundamentali, kemm-il darba jiġu implimentati bis-sħiħ. Fl-2023, aktar minn 4,000 persuna mietu jew għebu fuq il-baħar, l-ogħla numru f'dawn l-aħħar ħames snin.
- **Theddid demokratiku:** interventi eċċessivi mill-istat, b'mod partikolari kontra d-drittijiet għal-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda paċifika u ta' espressjoni, hedded l-ispazju għas-soċjetà ċivili. Dan, flimkien ma' nuqqas ta' involviment sinifikanti fl-affarijiet pubbliċi u d-diżinformazzjoni, qed idgħajjef id-demokrazija fl-Ewropa kollha.
- **Żieda fl-antisemitiżmu:** l-attakki terroristiċi mill-Ħamas fl-Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023 u r-rispons militari ta' Iżrael f'Gaża wasslu għal żieda allarmanti fit-theddid u l-vjolenza kontra l-Lhud fl-UE kollha. Iż-żieda fil-mibegħda u l-vjolenza antisemitika evokat memorji orribbli fil-kontinent kollu.
- **Żieda fl-intolleranza:** l-intolleranza qed tikber madwar l-Ewropa, u qed taffettwa ħafna gruppi, inklużi l-Musulmani, il-persuni ta' dixxendenza Afrikana, ir-Rom u l-migranti. Id-diżinformazzjoni u l-pjattaformi online aggrawaw attitudnijiet razzisti u polarizzati.

- **Distakki diġitali usa'**: L-użu akbar tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi jirriskjaw li gruppi vulnerabbli bħall-anzjani, il-persuni b'diżabilità, il-persuni mingħajr dar u r-Rom jitħallew jibqgħu lura. L-iżviluppi leġiżlattivi, inkluż l-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, kif ukoll il-konvenzjoni dwar l-IA tal-Kunsill tal-Ewropa, għandhom l-għan li jindirizzaw xi wħud minn dawk l-isfidi.

Biex tindirizza sfidi bħal dawn, il-FRA tistieden lill-UE u lill-pajjiżi tal-UE biex:

- **Ma jħallu lil ħadd jibqa' lura**: jiżguraw li l-miżuri għat-tnaqqis tal-faqar u tal-enerġija, inkluża l-assistenza soċjali u tal-akkomodazzjoni, jilħqu l-gruppi żvantaġġati.
- **Issaħħu s-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri**: itejbu l-prattiki ta' tiftix u salvataġġ biex isalvaw il-ħajjiet fuq il-baħar. Jipprovdu kundizzjonijiet aktar sikuri għall-ipproċessar ta' wasliet ġodda, u jistabbilixxu monitoraġġ indipendenti tad-drittijiet fil-fruntieri esterni tal-UE.
- **Jiproteġu s-soċjetà ċivili**: jimmonitorjaw u jirreġistraw ir-restrizzjonijiet għall-ispazju ċiviku. Jieħdu azzjoni biex jiproteġu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-media. Jappellaw b'mod sistematiku għall-għarfien espert tas-soċjetà ċivili, u b'hekk jippermettu li jkun hemm żmien sinifikanti għal konsultazzjoni effettiva.
- **Jieħdu pożizzjoni soda kontra l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza relatata**: jirrikonoxxu u jiġġieldu r-razziżmu sistemiku u b'għeruf fondi u l-intolleranza relatata fis-soċjetajiet tagħna. Ikomplu jimmonitorjaw u jiġbru *data* bbażata fuq l-evidenza biex jikkontribwixxu għal-liġijiet u l-politiki tal-UE u nazzjonali kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu. Jipprovdu spazju online aktar sikur għal kulħadd u jaġixxu kontra l-mibegħda online.

Kwotazzjoni mid-Direttur tal-FRA [Sirpa Rautio](#):

"Il-polarizzazzjoni madwar l-Ewropa qed twassal għal intolleranza mifruxa, u qed toħloq soċjetajiet maqsuma fejn ħafna gruppi qed isofru. Iż-żieda fil-faqar u t-theddid demokratiku qed ikomplu jżidu l-inċertezza u t-tensjonijiet tas-soċjetà. Iżda l-Ewropa għandha wkoll pedament b'saħħtu fid-drittijiet tal-bniedem li jista' jiggwida l-azzjonijiet tagħna. Għandna lkoll niġbdu ħabel wieħed u nużaw il-punti b'saħħithom tagħna biex niżguraw futur sigur u inklużiv li jirrispetta d-drittijiet ta' kulħadd, fejn kulħadd iħossu sikur li jkun hu nnifsu."

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil: media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 653

Din l-istqarrija għall-istampa ġiet tradotta miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea iżda ma sarx qari tal-provi mill-esperti tal-FRA.